**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 746/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Janetta Grixti)**
**-Vs-**
**CLAYTON GALEA**

**Illum, 10 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **CLAYTON GALEA**, iben John u Helen nee' Mifsud, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Mejju 1983, residenti ġewwa 186, Flat 3 St Micheal Triq il-Koppla Fgura, detentur ta' karta tal-identita bin-numru 0246683M li ġie akkużat talli nhar it-22 ta' Novembru 2021 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30hrs) u il-ħdax neqes għoxrin ta' filgħaxija (22:40hrs) ġewwa Triq Santa Katerina, Żejtun:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaguna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clayton Cachia hekk kif iċċertifika Dr Jacob Cassar Med Reg 6319 billi tajru bil-vettura b'numru tar-

registrazzjoni KLL100 tal- ghamla BMW X6;

2. Ukoll talli fl-istess lok, data, ħin, u ċirkostanzi saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KLL100 tal-għamla BMW X6 ta' lewn abjad b'manjiera perikoluża u/jew traskurata.

3. Ukoll talli naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kundizjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u ċioe mill-Maġistrat Dr D. Frendo Dimech LL.D mid-digriet datat u li permezz tiegħu huwa nagħata il-ħelsien mill l-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkometiex reat ieħor u li jiffirma ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid kull nhar ta' Sibt li ma jikkomettiex reat ieħor u li jiffirma ġewwa l-għassa ta' Raħal Ġdid kull nhar ta' Sibt, li jirrinkaża ruħu bejn il-ħdax ta' filgħaxija u is-sitta ta' filgħodu u kif ukoll li jirrisjedi ġewwa l-fond 186 St Micheal Flat 3 Triq il-Koppla, Fgura.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija l-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u cioe' Clayton Cachia jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieħu minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna/i offiżi u l-familja tiegħu ai termini tal- Artikolu 382A, 383, 384,385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati;

Rat illi Clayton Cachia ġie ammess fil-proċeduri bħala l-parti offiża fl-14 ta' Diċembru 2021;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-20 ta' Lulju 2022 fejn ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

a) Fl-Artikoli 214, 215, 216 (1)(a)(ii)(iii)(d)(2), 218 (1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) Fl-Artikoli 15(1)(a)(2)(3) u 32 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-Artikolu 579 (1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-Artikoli 7, 8, 11, 14, 15A (1)(2), 16, 17, 19, 22, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-14 ta' Settembru 2022 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2024;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi fit-22 ta' Novembru 2021, waqt kien miexi fuq il-bankina ġewwa Triq Santa Katerina, iż-Żejtun, Clayton Cachia safa mtajjar minn vettura tal-għamla BMW X6 ta' lewn abjad, meta din il-vettura, li għaddiet diversi drabi qabel mit-triq, kisret, telgħet il-bankina u laqtitu.

**Katya Zahra**, l-għarusa tal-parti offiża Clayton Cachia u s-sieħba ta' qabel tal-imputat li miegħu għandha wild in komun, xehdet illi l-għarus tagħha Clayton Cachia mar jixtri filgħaxija għall-ħabta tal-10.00 p.m. Waqt li kienet fil-kamra tas-sodda fuq fir-residenza tagħha ħdejn il-gallarija, tistennih jiġi lura d-dar, semgħet il-ħoss ta' tyres ta' xi karozza jwerżqu u semgħet ukoll '*bumm*'. Ħasbet li kienu ħabtu xi karozzi u għalhekk ħarġet mill-ewwel tittawwal mill-gallarija, li tiġi fil-għoli, fit-tieni sular, u rat lil Clayton Cachia mal-art fuq il-bankina. Dak il-ħin rat ukoll karozza tal-għamla BMW X6 abjad iktar 'l isfel fit-triq, li kienet "*diġa' naqra mhux ħażin 'l isfel*". Mistoqsija kemm kienet 'il bogħod il-karozza meta ratha, Katya Zahra qalet li "*kien hemm naqra tul sew*", ferm iktar mit-tul tal-awla bin-numru sitta u darbtejn it-tul tal-awla numru 20, u minn fejn kienet "*mill-bogħod*", "*rajtha bi żbrixx*" u rat ukoll 'N' u '100' mill-pjanċa ta' din il-karozza. Xehdet illi dak il-ħin kien id-dlam u ma setgħetx tara min kien qed isuq il-karozza, u ma kienx hemm iktar karozzi jew persuni għaddejjin fit-triq dak il-ħin. Niżlet tiġri isfel biex tgħin lil Clayton Cachia li qalilha "*tajjarni, tajjarni li kellek*" u rat illi kellu għadma maqbuża 'l barra minn saqajh u ma setax iqum. Iżda peress li bdiet tibża' tkun barra fit-triq, ġiegħiltu jqum u daħlitu 'l ġewwa.

Katya Zahra xehdet illi iktar kmieni dakinhar stess, l-imputat Clayton Galea kien ċemplilha u kienet għarrfitu illi għall-fini tal-eżerċizzju tal-aċċess tiegħu għat-tifel tagħhom, kienet sejra tibda timxi skont il-ħinijiet indikati fid-digriet tal-qorti u kien qalilha "*ehe hekk taħseb?*" u qatagħlha. Qalet ukoll illi madwar erbat ijiem qabel l-imputat kellu xi jgħid ma' Clayton Cachia waqt telefonata.

**Clayton Cachia, il-parti offiża**, xehed illi huwa kien tiela' t-triq fejn toqgħod Katya Zahra, l-għarusa tiegħu, ġewwa Triq Santa Katerina, u jara BMW X6 abjad nieżla fit-

triq ġejja minn faċċata tiegħu, bl-imputat Clayton Galea ġo fiha. Ipprećiża li huwa għaraf lill-imputat kif ukoll il-karozza, li kellha l-pjanċa bin-numru KLL-100. L-ewwel darba li rah għaddej kien hemm il-karozzi warajh iżda billi kien qed isuq bis-saħħa, ħass li kien ser jiġri xi ħaġa u għalhekk niżel mill-bankina. Qal li din il-karozza daret mal-blokka "*gas down*" u meta kien għadu miexi, kien għadu lanqas laħaq wasal mal-bieb tad-dar ta' Katya, beda jisma' t-twerżiq tat-tyres u sab l-istess karozza ma' wiċċu, nieżla "*gas down*" u din id-darba baqgħet nieżla lejh u daħlet ġo fih intenzjonalment minkejja li kien ipprova jevitaha. Dak il-ħin ma kienx hemm karozzi u lanqas nies oħrajn fit-triq. Clayton Cachia kkonferma illi huwa kien ra lix-xufier tal-karozza meta kien ra l-karozza l-ewwel darba meta kienet qed iddur u għaraf li l-karozza li laqtitu kienet l-istess waħda. Seta' jagħraf lix-xufier ukoll anke meta ntlaqat mill-karozza.

Mistoqsi in kontro-eżami, Clayton Cachia xehed illi x-xufier "*kelli idea min huwa biss*" u ma kienx iltaqa' miegħu lanqas darba qabel[1]. Iżda madwar erbat ijiem qabel, kien rah "*through the door*" meta kien ġie jħabbat il-bieb ta' fejn kien jgħix ma' Katya Zahra. Ikkonferma li huwa ċert mija fi-mija li l-imputat kien il-bniedem li kien qed isuq il-vettura li laqtitu, għaliex kien għarfu meta għadda fit-triq l-ewwel darba qabel ġie milqut, meta kien hemm karozza għaddejja warajh, fejn dak il-ħin "*rajtu ċar kristall*" u reġa' rah it-tieni darba "*dak il-wiċċ. Nikkonferma hundred percent li kien huwa*". Ikkonferma wkoll li x-xufier kien waħdu fil-karozza.

Dwar l-imputat Clayton Galea, Clayton Cachia xehed illi "*Għandi idea żgħira tiegħu ... għaliex ġieli rajtu fuq ritratti*" u xehed ukoll illi kien tkellem mal-imputat bit-telefon darbtejn biss qabel l-inċident, darba madwar ġimagħtejn qabel, fejn l-imputat kien qallu li importanti li ibnu ma jiġix maħqur, u t-tieni darba madwar ħamest ijiem qabel l-inċident, fejn l-imputat qallu li ser jiġi għalih u li ser jifqgħu, fost ħafna theddid.

[1] Ara paġna 289 tal-atti tal-kompilazzjoni.

Clayton Cachia xehed illi huwa ntlaqat fuq il-ġenb tal-koxxa tax-xellug u dan bix-xibka ta' quddiem tal-karozza, liema xibka waqgħet fit-triq u kienu ġabruh hu u Katya. Ukoll, peress li waqa' fl-art u f'ħin minnhom spiċċa taħt il-karozza, rasu ntlaqtet bl-axle tal-karozza. Xehed illi l-karozza baqgħet sejra minn fuq il-post iżda reġgħet għaddiet darbtejn oħra waqt li kien għadu mal-art. Huwa ġarrab feriti f'irkopptu, fil-minkeb kif ukoll f'rasu iżda l-ikbar ferita kienet fil-koxxa, in-naħa ta' barra fejn kellu tbenġil it-tul kollu ta' koxxtu. kif ukoll nefħa li qatt ma kienet hemm qabel.

Mar l-Isptar iżda kienu rilaxxawh minnufih, iżda wara xi tliet ijiem il-kundizzjoni ta' saqajh bdiet tiggrava għaliex bdiet tintefaħ u reġa' daħal l-Isptar fejn instab li kellu trombosi f'saqajh u dam jumejn taħt osservazzjoni.

**Clayton Galea**, fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija meta kien qed jiġi interrogat fit-28 ta' Novembru 2021, irrifjuta, kif kellu kull dritt jagħmel, li jwieġeb għal kull mistoqsija li saritlu in konnessjoni mal-inċident li seħħ fit-22 ta' Novembru 2021 fejn weġġa' Clayton Cachia.

Iżda l-istess imputat, Clayton Galea għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u xehed illi fit-22 ta' Novembru 2021 huwa kien ma' Mark Pace, ħabib tiegħu li huwa wkoll is-sid tal-klabb tal-boċċi tal-Pieta', u dakinhar kien kera l-ħanut tal-klabb mingħandu permezz ta' kuntratt li kien ġie ffirmat fl-uffiċċju tal-Avukat Arthur Azzopardi fin-Naxxar, fejn kellhom appuntament għall-ħabta tas-7.30 p.m. Xehed illi kienu ħarġu mill-uffiċċju tard għall-ħabta tal-10.00 p.m. għaliex l-avukat kellu n-nies u minflok bdew fis-7.30 p.m., il-proċess beda iktar tard. Hu kien mar l-uffiċċju tal-avukat ma' Mark Pace bil-karozza tiegħu BMW, telqu minn hemmhekk flimkien u marru jieħdu drink il-Ħamrun, il-Feel Bar. Iktar tard kien ġie l-avukat Arthur Azzopardi jieħu drink magħhom u baqgħu hemmhekk sas-1.00 a.m. jew iktar tard u mbagħad, kien wassal lil Mark Pace id-dar tiegħu Ħal Tarxien. Qal illi kien biss wara sebat ijiem li l-Pulizija għarrfuh li kienu ilhom qed ifittxuh għaliex kien tajjar bniedem u kienu arrestawh.

Rigward Clayton Cachia, l-għarus ta' omm it-tifel tiegħu, Katya Zahra, l-imputat xehed li ma kienx jaf min hu għalkemm kien rah fuq xi ritratti li kien urih it-tifel fuq Facebook, u qatt ma kien iltaqa' miegħu, lanqas meta kien imur jiġbor lit-tifel.

**Mark Pace, ix-xhud in difesa**, xehed illi huwa Segretarju Eżekuttiv tal-klabb tal-bocci tal-Piete, u l-Kumitat kien iddeċieda li jikri l-bar lill-imputat. Meta l-Kumitat wasal għal ftehim mal-imputat, sar kuntratt ta' kera li nkiteb mill-Kumitat. Ikkonferma illi l-kuntratt ġie ffirmat fit-22 ta' Novembru 2021 fl-uffiċċju tal-Avukat Dr. Arthur Azzopardi in-Naxxar u mbagħad kellu jiġi mgħoddi lill-Federazzjoni għall-approvazzjoni u reġistrazzjoni. Huwa kien iltaqa' mal-imputat biex imorru għal dan l-appuntament fl-uffiċċju tal-Avukat, fis-7.30 p.m., iżda damu ħafna jistennew għaliex kellu n-nies u rahom tard u kienu saru l-10.00 p.m. jew l-10.30 p.m. sakemm ħarġu. Wara, kien mar mal-imputat jieħdu drink il-Feel Bar il-Ħamrun. Ftit tal-ħin wara, ingħaqad magħhom l-Avukat Arthur Azzopardi biex jiċċelebraw għaliex kienu ilhom madwar sitt xhur jinnegozjaw kif ser jikru l-bottegin għaliex dak iż-żmien ma kienx hemm ħafna sejħa għall-kiri tal-bottegini tal-każini u kien kuntent li sab lill-imputat, xi ħadd li kien jafdah, biex ikompli jieħu ħsieb il-każin. Kienu damu hemmhekk sas-1.00 a.m.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dal l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla wieħed li huwa maħsub fis-sistema ġuridiku tagħna sabiex tista' tinsab fl-akkużat il-ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u x-xhieda tad-difiża jagħtu verżjonijiet kontradittorji dwar il-fatti li seħħew fit-22 ta' Novembru 2021 għall-ħabta tal-10.30 p.m.: filwaqt li l-Prosekuzzjoni tikkontendi li kien l-imputat Clayton Galea li kien tajjar intenzjonalment lill-parti offiża u baqa' sejjer, it-teżi tad-difiża hi li ma setax kien l-imputat l-aġent ta' dan ir-reat għaliex fil-ħin tar-reat, huwa kien jinsab fil-kumpannija ta' persuni oħrajn f'lokalita' differenti.

Għalhekk, id-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputat f'din il-kawża teħtieġ stħarriġ dwar jekk il-Prosekuzzjoni rnexxilhiex tilħaq il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali fl-imputat odjern għar-reati addebitati, kif ukoll evalwazzjoni tal-kredibbilita' tax-xhieda, stante illi kif ingħad, il-verżjonijiet huma kompletament irrikonċiljabbli, ħaġa li m'hijiex sorprendenti għaliex ta' sikwit il-Qorti ssib quddiemha każijiet fejn il-fatti li joħorġu mill-provi li ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji. Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633 u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda

għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[2]

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[3], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «... *il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici*

[2] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[3] Deciza 9.7.2003.

*Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux».*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[4] ġie ritenut li:

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaccjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[5]

Ikkunsidrat;

---

[4] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

[5] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, ġie ritenut:- "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Applikat dawn il-prinċipji għar-riżultanzi tax-xhieda u l-provi proċesswali, il-Qorti għandha tibda biex tistħarreġ jekk il-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jistabbilixxu konklussivament illi l-persuna li weġġa' Clayton Cachia meta laqtu bil-vettura BMW fit-22 ta' Novembru 2021 ġewwa Triq Santa Katerina ż-Żejtun u baqa' sejjer, huwiex l-imputat Clayton Galea u ħadd ħliefu.

Id-difiża tikkontendi illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi konvinċenti u univoċi li jorbtu lill-imputat mal-inċident li seħħ fit-22 ta' Novembru 2021 u in sostenn tal-argoment tagħha li ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement mill-Prosekuzzjoni li kien l-imputat li kkaġuna l-offiżi fuq Clayton Cachia, id-difiża sottolinejat iċ-ċirkostanzi xejn favorevoli li fihom jirrizulta mill-atti li l-imputat ġie identifikat mill-parti offiża. Ġie sottomess ukoll illi ġew imressqin, addizzjonalment, provi suffiċjenti li jipprovaw sal-grad tal-probabbli li l-imputat kien jinsab f'lokalita' differenti fil-ħin tal-inċident, liema provi jinstawraw dubju li jmur lil hinn minn dubju raġjonevoli fit-teżi tal-Prosekuzzjoni li kien hu l-aggressur li tajjar lil Clayton Cachia.

Hi l-fehma tal-Qorti li l-każ li għandha quddiemha jistrieħ b'mod ewlieni mhux unikament fuq l-identifikazzjoni tal-imputat bħala l-aggressur ta' Clayton Cachia.

Tibda biex tosserva illi filwaqt li l-vettura BMW X6 li tajret lill-parti offiża, tidher fil-filmati elevati mill-istabbiliment Soċjeta' Muzikali Beland (Dok. JG6)[6] u tidher ukoll iddur u tgħaddi diversi drabi minn Triq Santa Katerina - it-triq fejn kien miexi Clayton Cachia - in-numru tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni tal-vettura, ma jidhrix fil-filmat u mhux identifikabbli lanqas il-persuna jew persuni li kienu fil-vettura.

Kif rajna, il-parti offiża xehed illi huwa għaraf lill-imputat meta kien għadda l-ewwel darba fit-triq, u għaraf ukoll il-karozza, li kellha l-pjanċa bin-numru KLL-100. Iddeskriva kif din il-vettura, tal-għamla BMW X6, ġiet minn faċċata tiegħu, fejn kien ra wiċċ l-imputat b'mod ċar, u ra l-istess vettura ddur u mbagħad terġa' tgħaddi fit-triq, u kienet din il-vettura li tajritu.

[6] Ara xhieda ta' Gulio Pace, 14 ta' Frar 2022.

Iżda Clayton Cachia xehed ukoll illi meta raha, din il-vettura kienet għaddejja "*riħ*", "*bis-saħħa*" u daret il-blokka "*gas down*", tant illi kien ħass li kien ser jiġri xi ħaġa. Meta mbagħad il-karozza reġgħet ġiet fit-triq, sema' t-twerżiq tat-tyres u ġiet lejh bis-saħħa. Jirriżulta wkoll li dak il-ħin kien id-dlam u mill-filmati elevati mill-cameras (Dok. JG6), jirriżulta illi l-vettura kellha d-dawl mixgħul.

Għall-Qorti hija ħaġa ovvja li fi triq mudlama, huwa diffici ferm jekk mhux kważi impossibbli li wieħed jidentifika l-persuni f'vettura li tkun għaddejja b'veloċita' elevata u tkun ġejja mid-direzzjoni opposta bid-dawl jipponta f'wiċċu.

Fiċ-ċirkostanzi appena deskritti l-Qorti ma tistax ma tkunx ferm skettika dwar l-affidabbilita' tal-identifikazzjoni li għamel Clayton Cachia tal-imputat bħala x-xufier tal-vettura li laqtitu, kif ukoll tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura nnifisha, *multo magis* meta jinżamm ferm il-fatt illi imkien ma jirriżulta mit-testimonjanza ta' Clayton Cachia jew tax-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni, illi l-istess parti offiża kien diġa' jaf minn qabel l-għamla tal-vettura tal-imputat jew il-vettura li tiġi misjuqa minnu abitwalment, il-mudell partikolari jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Il-Qorti fehmet illi kienet l-għarusa tiegħu, Katya Zahra, li setgħet kienet taf in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura tal-imputat.

Madankollu, wara li fliet bir-reqqa t-testimonjanza tagħha, il-Qorti m'hi xejn affattu konvinta illi meta ttawwlet mill-gallarija, Katya Zahra kienet rat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura li osservat nieżla fit-tarf tat-triq, u jekk tassew irnexxielha tagħraf l-ittri 'K' u 'N', dan ftit li xejn jiswa bħala prova tal-fatt li kien l-imputat ix-xufier tal-vettura. Indiskutibbilment, skont kif jirriżulta mix-xhieda tagħha stess, Katya Zahra kienet wisq imbiegħda mill-vettura meta ttawwlet u ratha fit-tarf tat-triq – triq li skont kif jirriżulta mill-filmati prodotti fl-atti kienet ukoll evidentement mudlama - biex tagħraf in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Meta xehdet in kontro-eżami, Katya Zahra qalet hekk: "*Dak iż-żmien kellna l-inkwiet jiena u Clayton Galea u malli rajt lill-ieħor imtajjar, u rajt din il-karozza waslet fit-tarf tat-triq, jiena għalija kien l-istess vann ta' Clayton Galea, fhimt?*", iżda ma reġgħetx semmiet li kienet rat xi ittri mill-pjanċa tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Fil-fatt, xehdet: "*Rajt vann abjad, iva, ta' marka XX(6) miexi jew BMW jiġifieri imma qiegħed fit-tul, u jiena* ***mal-ewwel assumejt*** *illi huwa Clayton Galea ...* ***speċi kont għidt li huwa huwa għax l-ieħor qal li rah, ra lilu u ra l-karozza, imma jiena kull ma rajt il-vann bi żbrixx mill-gallarija.***"[7] (enfasi tal-Qorti)

Għall-Qorti hu bil-wisq ovvju mix-xhieda ta' Katya Zahra, illi hija rabtet lill-imputat mal-vettura li tajret lill-għarus tagħha mhux għaliex identifikat din il-vettura pożittivament bħala l-vettura tal-imputat, iżda biss għaliex l-għamla tal-vettura setgħet kienet simili għall-vettura li jsuq l-imputat u għaliex kellhom argoment iktar kmieni fl-istess ġurnata waqt telefonata u l-imputat kien argomenta wkoll ma' Clayton Cachia fuq it-telefon ftit ġranet qabel.

**F'dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti ma tistax raġjonevolment teskludi illi l-konvinċiment ta' Katya Zahra li l-vettura li rat fit-tarf tat-triq kienet il-vettura tal-imputat, seta' niġġes mhux ftit l-identifikazzjoni li għamel Clayton Cachia tal-imputat bħala x-xufier tal-vettura li tajritu u baqgħet sejra. Kif rajna, Clayton Cachia xehed illi huwa għaraf lill-imputat, kif ukoll il-karozza li kellha l-pjanċa bin-numru KLL-100, mingħajr ma kien jaf lill-imputat u mingħajr qatt iltaqa' miegħu wiċċ'imb wiċċ u wkoll mingħajr prova li kien jaf minn qabel x'vettura kien isuq, u dan meta din il-vettura kienet għaddejja sparata fi triq mudlama bid-dawl jiddi f'wiċċu. Imkien fid-depożizzjoni tiegħu ma qal li din il-vettura naqset il-veloċita' meta għaddiet biswit tiegħu, u qatt ma speċifika jekk lill-imputat kienx rah mit-tieqa tax-xufier jew mill-windscreen tal-vettura. Naqas ukoll milli jfisser x'laqtu mid-dehra tax-xufier jew liema fattizzi ta' wiċċu għaraf biex seta' jidentifikah bħala l-imputat Clayton Galea li qatt ma kien iltaqa' miegħu qabel f'ħajtu**.

---

[7] Xhieda in kontro-eżami 17.10.2022.

Il-każ klassiku in materja ta'  identifikazzjoni dak ta' **Turnbull** (1977) QB 224, fejn ġie ritenut illi meta l-każ kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni tal-imputat, bħal m'hu l-każ in diżamina, jeħtieġ kawtela kbira u eżami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u taċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret din l-identifikazzjoni, fosthom it-tip ta' viżwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-aggressur, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iż-żmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija.  F'dik id-decizjoni, intqal proprju hekk:-

***'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identification****s. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*" Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made.* ***How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused?*** *How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?*
...

*"Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*"**All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger'** (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256).*"

*"**In our judgment when the quality is good, as for example when the identification is made after a long period of observation, or in satisfactory conditions by a relative, a neighbour, a close friend, a workmate and the like, the jury can safely be left to assess the value of the identifying evidence even though there is no other evidence to support it; provided always, however, that an adequate warning has been given about the special need for caution**. Were the Courts to adjudge otherwise, affronts to justice would frequently occur. . . ."*

*"When, in the judgment of the trial judge,* **the quality of the identifying evidence is poor, as for example when it depends solely on a fleeting glance or on a longer observation made in difficult conditions, the situation is very different***. The judge should then withdraw the case from the jury and direct an acquittal unless there is other evidence which goes to support the correctness of the identifi cation. This may be corroboration in the sense lawyers use that word; but it need not be so if its effect is to make the jury sure that there has been no mistaken identification. . . ."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Applikat dawn il-prinċipji għar-riżultanzi tal-provi u x-xhieda, il-Qorti hija tal-fehma illi l-evidenza tal-identifikazzjoni tal-imputat bħala x-xufier tal-vettura li laqtet lil Clayton Cachia hija dgħajfa wisq biex tingħata xi piż probatorju rilevanti u

effettivament, l-asserzjoni ta' Clayton Cachia li kien ċert "*mija fil-mija*" li l-imputat kien ix-xufier tal-vettura li tajritu, għandha tittieħed b'kawtela u ċirkospezzjoni kbira, *multo magis* meta la kien hemm viżwali u lanqas ħin biżżejjed biex huwa jagħraf lill-imputat, persuna li fuq kollox xejn ma kien familjari magħha.

Magħdud dan kollu l-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova illi n-numru ta' reġistrazzjoni KLL-100 msemmija mill-parti offiza bħala l-vettura misjuqa mill-imputat, jappartjeni lil xi vettura tal-għamla BMW X6. Naqset ukoll milli tistabbilixxi xi xorta ta' ness bejn l-imputat u l-vettura ta' lewn abjad tal-għamla BMW X6. Il-fatt illi l-imputat xehed li l-vettura tiegħu hija BMW ma jfissirx illi hija BMW abjad u lanqas li hija BMW tal-għamla X6. Il-Qorti tistenna l-Prosekuzzjoni tressaq il-prova tas-sid liċenzjat tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KLL-100, u jekk tassew il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni KLL-100 ma kienetx liċenzjata f'isem l-imputat Clayton Galea iżda f'isem terzi[8], li tressaq lil dawn it-terzi persuni biex jixhdu dwar ir-relazzjoni bejn il-vettura u l-imputat u b'hekk tistabbilixxi xi ness bejniethom.

Ikkunsidrat;

Illi dan kollu jrid jitqiegħed ukoll fl-isfond tal-fatt illi l-imputat fix-xhieda tiegħu ċaħad kategorikament li huwa l-awtur tar-reat u insista li huwa ma kienx iż-Żejtun dakinhar u fil-ħin tal-inċident, iżda kien in-Naxxar u l-Ħamrun fil-kumpannija ta' persuni oħrajn. Asserzjoni li fil-fehma tal-Qorti ġie ppruvat sal-grad tal-probabbli meta ġiet affermata *in toto* u fl-irqaqat kollha tagħha minn Mark Pace u mill-ftehim tal-lokazzjoni oriġinali li ġie esebit in sostenn ta' din il-verżjoni. Il-Qorti semgħet lil Mark Pace jixhed quddiemha u kkonfrontat lix-xhud b'mistoqsijiet intiżi speċifikatament biex tiskrutinizza l-kredibbilita' kif ukoll il-kompatibbilita' tal-verżjoni tiegħu ma' dik tal-imputat, u qieset li huwa xhud affidabbli. B'żieda ma' dan il-fatt illi x-xhieda tal-imputat u Mark Pace ma ġietx kontradetta b'mod effetitv.

---

[8] Ara rapport tal-okkorenza Dok. JG5, paġna 59 u paġna 60 tal-atti tal-kompilazzjoni. Is-sid liċenzjat tal-vettura fiż-żmien tal-inċident, kien ċertu Mario Scicluna 0193485M.

Fil-ġabra ta' dan kollu, il-Qorti mhux biss ma tistax tistrieħ fuq l-identifikazzjoni - kif magħmula mill-istess parti offiża u minn Katya Zahra - tal-imputat bħala l-persuna li tajret lill-parti offiża - bħala evidenza ta' identifikazzjoni attendibbli biżżejjed biex tingħata affidabbilita'. Talli wara li evalwat din l-identifikazzjoni fl-isfond tax-xhieda tal-imputat u l-provi li tressqu minnu f'dawn il-proċeduri, tqis ukoll li jeżisti dubju dettat mir-raġuni dwar il-veraċita' tat-teżi tal-Prosekuzzjoni li kien proprju l-imputat li kkaġuna volontarjament l-offiżi li ġarrab il-parti offiża fit-22 ta' Novembru 2021 fiż-Zejtun għall-ħabta tal-10.30 p.m. F'kull każ, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li kien l-imputat Clayton Galea l-persuna li tajjar lil Clayton Cachia bil-vettura fl-imsemmija data, ħin u lokalita' u konsegwentement, ma tistax ħlief tilliberah mill-akkużi li saq vettura bi ksur tal-artikolu 15 tal-Kap. 65 u li kkaġuna offiżi lill-parti offiża bis-sewqan tiegħu tal-istess vettura.

Ikkunsidrat;

Illi madankollu, stabbilit illi l-verżjoni tal-imputat li huwa kien jinsab il-Feel Bar, il-Ħamrun bejn l-10.30 p.m. u s-1.00 a.m bejn it-22 u t-23 ta' Novembru 2021, jikkonsegwi illi huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu bid-digriet mogħti fil-15 ta' Ottubru 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anzjan Hubert Cini u Spettur Paul Camilleri) v. Clayton Galea.** L-imputat f'dik il-kawża, Clayton Galea, bl-istess numru tal-karta tal-identita' li għandu l-imputat odjern, 246683M, obbliga ruħu *inter alia* illi jirtira fid-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mill-11.00 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel is-6.00 a.m. tal-għada fil-għodu.

Kopja awtentikata ta' dan id-digriet bit-timbru tal-Assistent Reġsitratur tal-Qorti, ġiet esebita bil-ġurament tal-istess Assistent, Stephanie Calafato Testa, fl-4 ta' Mejju 2022 (Dok. SCT1). Ġie konfermat ukoll mill-istess Assistent Reġistratur illi fid-data tal-inċident mertu ta' din il-kawża l-proċeduri li fihom ingħata d-digriet in diżamina kienu għadhom pendenti u l-kundizzjonijiet tad-digriet għall-ħelsien mill-arrest kienu

għadhom fis-seħħ bl-istess mod kif stipolat fid-digriet Dok. SCT1 mogħti fil-15 ta' Ottubru 2020.

Illi bix-xhieda tiegħu stess kif ukoll tax-xhud in difesa Mark Pace, l-imputat inkrimina ruħu bil-prova illi huwa kien fil-lokalita' tal-Ħamrun wara l-11.00 p.m. minflok fir-residenza li fiha kien obbligat jirrinkaża ruħu ġewwa 186. St. Michael Flat 3, Triq il-Koppla, Fgura[9].

Dan kollu magħdud ifisser illi l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat taħt l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 kif addebitat fit-tielet imputazzjoni, ċioe' li ma osservax il-kundizzjoni li jirrinkaża ruħu fir-residenza appena msemmija fit-22 ta' Novembru 2021.

Huwa minnu illi, kif sewwa ġie osservat mid-difiża, jirriżulta illi l-imputat kien ġie liberat mill-akkużi fil-proċeduri li dwarhom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest bid-digriet tal-15 ta' Ottubru 2020, iżda dan jista' jkun rilevanti biss għall-fini tal-piena u ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-imputat kien marbut dak iż-żmien bil-kundizzjonijiet speċifikati fid-digriet imsemmi, iżda kiser waħda mill-iktar kundizzjonijiet importanti għall-fini ta' kontroll tal-azzjonijiet tal-imputat intiżi biex ma jiġux kommessi reati kriminali.

Dan il-ksur m'huwiex xi wieħed negliġibbli – l-imputat mingħajr ħsieb ta' xejn, dehrlu li seta' jibqa' barra wara l-ħin tar-rinkażar mhux għaliex inqalgħetlu emerġenza jew għal raġuni valida oħra, iżda sempliċement biex jibqa' jixrob ġo bar anke wara l-11.00 p.m., u dan minkejja l-fatt illi l-ħinijiet tar-rinkażar ma kienux daqshekk stretti jew issikkati. Iżda fl-istess ħin, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi m'huwiex każ fejn jirriżulta li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest ripetutament, għalkemm kienu għaddew diversi snin minn meta ġiet imposta fuqu għall-ewwel darba l-kundizzjoni tar-rinkażar. Effettivament, ma jirriżultax illi huwa diġa' nstab ħati qabel ta' xi ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Filwaqt li

[9] Ara Dok. SCT1 paġna 156 tal-atti tal-kompilazzjoni.

dan ma jnaqqas xejn mis-serjeta' tar-reat, il-Qorti ma tqisx illi m'hemmx lok għall-konfiska tal-ammont stabbilit fl-intier tiegħu.

M'hijiex sejra tordna lanqas r-ri-arrest tal-imputat anke għaliex il-Prosekuzzjonu naqset milli titlob li jiġi hekk ri-arrestat.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx ħtija għall-ewwel imputazzjoni u lanqas għat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, issib lil CLAYTON GALEA ħati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah multa ta' tmien mitt Euro (€800).**

**Tordna illi parti mid-depożitu stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija fid-digriet tal-15 ta' Ottubru 2020, fis-somma ta' elf Euro (€1,000), jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta u tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jieħu konjizzjoni tal-ordni għall-konfiska.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**